# Il-Gudja fis-seklu dsatax

Is-seklu dsatax ra tibdil kbir fil-ħajja tal-Maltin. Il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu telqu wara 268 sena jiggvernaw. Ir-revoluzzjonarji Franċiżi damu hawn sentejn biss, imma fihom biddlu l-liġijiet, is-sistema tal-edukazzjoni u bosta affarijiet oħra. Għaddew sentejn ta' trawma: gwerra, għaks u mard sakemm il-gwarniġjon Franċiż ċeda u għadda lil Malta lill-Ingliżi. Il-popolazzjoni, li fis-seklu tmintax kienet kibret ħafna, issa ħadet daqqa lura. Politikament Malta biddlet is-sidien tagħha darbtejn fi ftit snin. Il-Kavallieri, għalkemm kienu ħakkiema, kienu jqisu lil Malta bħala l-unika art għal kollox tagħhom. Għalhekk għamluha ċ-ċentru tal-Ordni u għanew dawn il-gżejjer b'fortifikazzjonijiet, ħafna bini u teżori tal-arti. Il-Gran Mastri kienu meqjusa bħala l-prinċpijiet ta' Malta. Wara s-sena 1800 Malta saret parti żgħira minn imperu kbir u ma baqgħetx stat għaliha.

Il-Gudja kompliet tikber matul is-seklu dsatax. Fl-1797 il-popolazzjoni kienet ta' 880 b'kollox. Seba' snin wara fl-1804 kienet naqset sew għal 835.[1] Dan probabbli kien riżultat tal-gwerra kontra l-Franċiżi. Sal-1886 nsibu li kienet qabżet għal 890. Iċ-ċensiment tal-1891 juri li r-raħal kien fih 1,166 (575/591)[2] u dak tal-1901 juri tnaqqis żgħir: 1,133 (528/505). Il-kawża ta' dan it-tibdil kienet prinċiparjalment l-emigrazzjoni. Bosta Maltin kienu qed ifittxu l-għajxien tagħhom f'artijiet oħra.[3] Barra minn hekk kien hemm ċaqliq lejn il-bliet. Il-bliet tal-Kottonera, pereżempju, kellhom it-tarznar li kien iħaddem ħafna nies. Bin-nuqqas ta' mezzi tat-trasport tistenna li n-nies kienu jippruvaw jgħammru qrib ix-xogħol tagħhom.



*Dehra tal-Knisja minn barra qabel beda l-bini tal-faċċata l-ġdida fl-1901*

Dan jispjega wkoll għaliex in-numru tan-nisa kien akbar minn dak tal-irġiel. In-nisa ftit kellhom post fl-industrija. Ix-xogħol tagħhom kien prinċiparjalment fil-biedja, l-insiġ u l-bizzilla, xogħol tradizzjonali, u għalhekk anqas kellhom il-ħtieġa li joħorġu minn pajjiżhom.

Nagħtu daqqa t'għajn lejn is-snajja' tan-nies kif jidhru fiċ-ċensiment tal-1901. Fil-Gudja kien hemm 1,116 ruħ (575/591) L-akbar fin-numru kienu dawk li kellhom x'jaqsmu mal-agrikoltura, b'kollox 203, li kienu kklassifikati hekk: bdiewa (51/13) qraba jgħinu l-bdiewa (20/41), u lavranti (24/51), rgħajja (2/0), u ġardinar (1/0). Erbgħa u sittin bidwi kienu jħaddmu magħhom wieħed u sittin membru tal-familja u ħamsa u sebgħin lavrant jew lavranta. Il-biedja kienet tħaddem aktar nisa milli rġiel (98/105), iżda l-parti l-kbira minnhom bħala lavranti jew qraba tal-bidwi, mhux bħala sidien. Dan jirrifletti wkoll li l-biedja kienet għadha industrija tal-familja fejn l-irġiel, in-nisa tagħhom, uliedhom u qrabathom kienu jaħdmu fl-imkien. Aktarx li l-biċċa l-kbira tal-lavranti kienu jiġu mpjegati f'ċerti staġuni meta jkun hemm ħafna xogħol, bħal żmien iż-żrigħ jew il-ħsad, u mhux is-sena kollha.

Kien hemm 168 f'xogħol ikklassifikat bħala industrijali. Numru kbir kienu jaħdmu fil-bini, kollha rġiel u l-ebda mara. Dawn kienu bennejja (2/0), ħaddiema fil-ġebel (86/0)[4], bajjada (5/0) u fil-barrieri (3/0). B'kollox kienu jgħoddu tmienja u sittin. Warajhom fin-numru kienu l-mastrudaxxi u dawk li jaħdmu l-injam (38/0), ukoll kollha rġiel. Snajja' oħra kienu furnara (2/3), dawk li jagħġnu l-ħobż (1/1), tal-mitħna (1/0) wieħed jagħmel il-luminata (1/0), u kebbies tal-fanali (1/0). Kien hemm żewġ ħaddieda (2/0) u fit-tindif tat-toroq (13/0). Fl-industrija tat-tessuti nsibu li n-nisa kienu jgħaddu lill-irġiel sew. Kien hemm tliet ħajjata (1/2), dsatax-il mara kienu nissieġa (0/19), u tnax-il mara kienu jaħdmu l-bizzilla (0/12).

Insibu li tmienja biss kienu jaħdmu mal-gvern (8/0), sebgħa minnhom (7/0) mal-pulizija. Tlettax (13/0) kienu mpjegati mal-armata jew flotta. Dawn kienu jinkludu nies f'xogħol ċivili bħat-tarzna. Disa' rġiel biss kienu jaħdmu fit-tarzna li jidher numru ċkejken. Jista' jkun li kien hemm rġiel oħra li kienu marru joqogħdu l-Kottonera biex ikunu qrib ix-xogħol.

Tlettax-il persuna kienu kkunsidrati professjonali. Dawn kienu ħames qassisin u djaknu, wieħed fil-professjoni legali, imma mhux speċifikat eżatt (1/0), ieħor fis-servizz mediku (1/0), fl-iskejjel (1/2) u perit (1/0).

Wieħed u sebgħin (53/18) kellhom x'jaqsmu mal-kummerċ, il-parti l-kbira minnhom bejjiegħa, iżda jinkludu (31/0) dawk li kienu jaħdmu fit-trasport, jiġifieri bil-karrettuni jew b'mezzi oħra.

Numru kbir kienu kklassifikati bla xogħol jew li ma jipproduċu xejn (156/376), jiġifieri 532 minn 1,133 - iqarrbu n-nofs. Fil-każ tan-nisa diġà aċċennajna li għalihom ftit kienu l-opportunitajiet ta' xogħol, għalhekk ħafna kienu nisa tad-dar. Fil-każ ta' tal-irġiel, wieħed irid jiftakar li l-figuri jinkludu tfal subien. Dak iż-żmien is-subien kienu joħorġu jaħdmu kmieni, bosta drabi ma' missierhom biex jgħinu l-familja u fl-istess ħin jitgħallmu xi sengħa. 119-il tifel, huma kklassifikati flimkien bħala studenti u tfal bla okkupazzjoni. Mela rġiel bla ebda xogħol jibqa' ftit u dawn jinkludu l-anzjani u l-morda.

Il-Gudja kienet ħafna iżgħar mil-lum. Fl-1861, ir-raħal kien fih disa' toroq biss. Kważi nofs in-nies kienu joqogħdu fi Triq il-Kbira u s-sqaqien tagħha (454). Warajha kienu jiġu Triq Santa Marija (173) u Triq Santa Katerina (94). Triqat oħra kienu l-Lunzjata (51), San Mark (46), Ciero (43)[5], Triq id-Dejqa (33) iż-Żebbuġa (28), u Triq Ħal Tarxien u Bormla (8).

**Paul Farrugia M.A.**

1 Il-figuri ġew meħuda minn ċensimenti u *Bluebooks.*
2 Għall-ħeffa, il-figuri jingħataw hekk: maskil/femminil.
3 Fl-1846-47 aktar Maltin mis-soltu siefru kaġun tan-nixfa li ħakmet dawn il-gżejjer.
4 Ħaddiema fil-ġebel kienu jinkludu n-naġġara li x-xogħol tagħhom kien pjuttost jieħu ħafna żmien.
5 F'dan iċ-ċensiment (1862) m'hemmx 'San'. Fl-*Istatus Animarum* tal-1833 din it-triq kienet imsejħa *Sincier*

